



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14203/23

LIMITE

UD 225
ECOFIN 1048
TRANS 418

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0333 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport fir-rigward tal-emendar tat-Termini ta' Referenza

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport
fir-rigward tal-emendar tat-Termini ta' Referenza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport (WP.30) huwa korp stabbilit mill-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Il-WP.30, matul il-164 sessjoni tiegħu f'Ottubru tal-2023 jew f'sessjoni sussegwenti, għandu jadotta emendi għat-Termini ta' Referenza tiegħu ("ToR") sabiex il-formulazzjoni tagħhom jiġu allinjati mat-ToR il-ġodda tal-Kumitat tat-Trasport Intern.
- (3) Huwa meħtieġ ukoll li t-titolu tal-WP.30 jinbidel sabiex jiġi rikonoxxut ir-rwol tiegħu fil-livell globali, kif ukoll biex ikun possibbli li membru mhux tan-Nazzjonijiet Uniti jattendi laqgħa tad-WP 30 fil-futur.
- (4) Barra minn hekk, huwa utli li jiġu ċċarati l-kompiti u r-rwol tad-WP.30, kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan id-WP30, fir-rigward tal-emendar tat-ToR tiegħu, peress li t-ToR il-ġodda se jkollhom il-kapaċità li jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni dwar id-dwana, it-trasport u l-faċilitazzjonijiet tal-qsim tal-fruntieri.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan id-WP.30 għalhekk jenħtieġ tkun ta' appoġġ għall-abbozz ta' emendi mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport (WP.30), matul il-164 sessjoni jew waħda mis-sessjonijiet tiegħu sussegwenti, dwar it-Termini ta' Referenza l-ġodda tiegħu għandha tkun ta' appoġġ għall-abbozz ta' emendi tat-Termini ta' Referenza għad-WP.30 meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni. L-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jesprimu dik il-pożizzjoni meta jittieħed vot formali fid-WP 30 , filwaqtli jaġixxi b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu fi ħdan id-WP.30 dwar bidliet tekniċi minuri għall-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
